MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1098/2007/1

**Finpro Limited**

**Vs**

**Diane Margaret Cardona u John Cardona**

Din hi procedura li qeghda ssir sabiex titolu ezekuttiv tkun tista' ssir l-ezekuzzjoni tieghu kontra wiehed mill-partijiet li mietet wara l-ghoti tas-sentenza.

Permezz ta' rikors prezentat fl-14 ta' Jannar 2011 u konfermat bil-gurament, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li s-sentenza li nghatat fis-7 ta' Dicembru 2007 fil-kawza Finpro Limited vs Diane Margaret Cardona et, tigi ezegwita kontra Frances u Anthony Busuttil bhala werrieta

ta' John Cardona li miet fil-15 ta' Jannar 2010. B'dik is-sentenza il-konjugi Cardona gew kundannati jhallsu *in solidum* s-somma ta' €78,883.23 relatat ma' hlas ghal servizz ta' akkomodazzjoni fid-dar tal-anzjani Casa Antonia. It-talba tar-rikorrenti hi bazata fuq l-Artikolu 259(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konjugi Busuttil wiegbu li qeghdin fil-process li jaccettaw il-wirt ta' John Cardona bil-beneficcju tal-inventarju. Qalu wkoll li ghaddejja investigazzjoni mill-pulizija peress li l-hlas li ntalab hu eccessiv. Ighidu wkoll li wara li jaccettaw il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, ikollhom bzonn jaghmlu l-verifiki sabiex jaraw jekk il-konjugi Cardona kienux gew notifikati regolarment. Inoltre, ma jirrizultax kemm hu l-ammont dovut mill-mejjet John Cardona.

L-intimati ma jistghux jippretendu li sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tmexxi ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, ghandha toqghod tistenna sakemm il-konjugi Busuttil joghgobhom jippubblikaw l-inventarju. Fit-18 ta' Frar 2011 ipprezentaw rikors fil-qorti volontarja fejn talbu:- *".... li jigu awtorizzati jaccettaw l-imsemmija eredita u drittijiet marbuta bil-beneficcju tal-inventarju u li dan jigi ppubblikat bil-Malti minn nutar Dottor Joseph Masini."*. Mar-rikors ghamlu dikjarazzjoni li *".... l-wirt jaccettawh bil-beneficcju tal-inventarju u liema wirt jigi accettat jew le wara li jigi ppubblikat l-inventarju..... Il-konjugi Busuttil jergghu li behsiebhom jaccettaw jew le l-wirt imsemmi wara li jigi ppubblikat l-inventarju."*.

Meta:-
(i) il-werriet ma jkunx maghruf; jew
(ii) ikun ghad ma ddikjarax jekk huwiex ser jaccetta l-wirt;

li ghandu jigi mahtur kuratur sabiex jidher ghall-wirt (Artikolu 259(2) tal-Kap. 12). Fil-kaz taghna jidher li l-konjugi Busuttil ghad m'humiex decizi jekk jaccettawx il-wirt. Il-ligi stess taghti zmien sabiex wiehed jahsibha jekk ghandux jaccetta l-wirt jew le wara li jigi pubblikat l-inventarju (Artikolu 883 tal-Kodici Civili).

L-argumenti kollha li ressqu l-konjugi Busuttil fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fis-6 ta' Gunju 2011, huma bla bazi. Il-konjugi Busuttil m'ghandhomx jedd li jippretendu li f'dawn il-proceduri l-qorti:-

i. Tinvestiga jekk il-hlas mitlub huwiex ezagerat. Is-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2007 hi gudikat.
ii. Tiddikjara li l-hlas hu dovut minn trust, meta t-trustee ma kienx parti mill-kawza fuq imsemmija.
iii. Tqies jekk is-sentenza kellix tkun fil-konfront tal-konjugi Cardona, meta l-kawza nqatghet.
iv. Toqghod tinvestiga xi ftehim seta kien hemm bejn ir-rikorrenti u kumpannija ohra, li ma kenitx parti fil-proceduri fuq imsemmija.

L-Artikolu 886 tal-Kodici Civili jipprovdi li:-*"Matul iz-zminijiet moghtijin lill-werriet sabiex jaghmel l-inventarju u sabiex jahsibha jekk jaccettax jew le,* ***dak li jkun msejjah ghall-wirt mhux obbligat jiehu l-kwalita' ta' werriet."***. Madankollu jitqies ***de jure*** **kuratur tal-wirt**. Fic-cirkostanzi attwali mehud in konsiderazzjoni li l-konjugi Busuttil deheru f'dan il-procediment, m'hemmx lok li l-qorti tghaddi biex tahtar kuratur ghall-wirt. Ghalhekk il-qorti ser tilqa' t-talba fis-sens li tiddikjara li s-sentenza hi ezegwibbli kontra l-wirt ta' John Cardona, li hu rapprezentat mill-kuraturi konjugi Busuttil.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li s-sentenza li nghatat fis-7 ta' Dicembru 2007 fil-kawza FinPro Limited vs Diana Margaret Cardona et (1098/2007) hi ezegwibbli kontra l-wirt ta' John Cardona kif rapprezentat mill-kuraturi Anthony u Frances konjugi Busuttil.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------